MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Numru. 487/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**GEORGE GRECH**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Grech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 38261M.

## Akkuzat talli:

Nhar l-erbatax (14) ta` Mejju, 2014 ghal habta ta` nofs il-lejl nieqsin ghaxra (23:50hrs) minn gewwa iz-Zeta Bar, fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta` portmoni, flus kontanti,

dokumenti u xi oggetti ohra ghad-dannu ta` Tracy Busuttil, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija, titratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta` Malta, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat, liema sentenzi saru definittivi.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 23, 31, 261 (c) (f), 267, 270, 279 (a), 280, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, tikkunsidra l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda' alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkundanna lill-istess imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva mil-llum u li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------